**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 23 TA' LULJU, 2001**

*Avviz. Nru 385/01 AJD*

Maltacom p.l.c.

vs

Mary Cesare

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Gunju, 2001, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u tlettax il-lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm113.43), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 693488 (Dok. A) u liema servizz gie nstallat fil-fond li jgib in-numru 6, Sqaq il-Bjar, Zejtun u dana skond ma jidher mis-'service agreement' (Dok. B). Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjes, u bl-imghaijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali, kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Noel Scerri in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tlettax il-lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm113.43) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR